MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 99/2007

**Emanuel u Josephine konjugi Said**

**-vs-**

**Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-18 ta' Settembru 2007 u li bih ir-rikorrenti ppremettew li ghandhom fil-pussess taghhom l-art maghrufa bhala "Ta' Kenuna", fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex liema art hija ndikata ahjar fuq is-site plan hawn annessa u markata bhala Dok A.

Illi l-atturi ddepozitaw xi materjal fuq din l-art sabiex izid it-torba u l-hamrija u jkun jista' jhawwilha bis-sigar taz-zebbug u ghamlu wkoll applikazzjoni ma' l-Awtorita' konvenuta dwar dan l-izvilupp, kopja ta' liema applikazzjoni qed tigi hawn annessa bhala Dok B.

Illi l-Awtorita' konvenuta minghajr ebda avviz kif rikjest mil-ligi fl-artikoli 53, 54 u 55 tal-Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta, dahlet fil-proprjeta' imsemmija ta' l-esponenti u bdiet jew ipprovat tibda twettaq xoghol ta' tnehhija ta' materjal u dan minghajr ma nnotifikathom b'avviz ta' twettieq.

L-Awtorita' konvenuta ma setghet qatt tidhol fir-raba tal-atturi u taghmel xogholijiet fiha minghajr ma qabel tinnotifika lill-atturi konjugi Said u taghtihom zmien sabiex jiehdu l-azzjoni mehtiega biex jirrangaw dak li skond l-Awtorita' kien ta' hsara.

L-atturi ma kellhomx triq ohra sabiex iwaqqfu l-agir illegali ta' l-Awtorita' intimata ghajr illi jipprocedu kontra taghha permezz ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 30/2007, kopja ta' liema mandat qed tigi hawn annessa bhala Dok C, fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Ghalhekk l-atturi talbu li din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ma harget l-ebda Avviz ta' Infurzar u Twettieq kontra l-atturi konjugi Said kif mitlub mill-Artikoli 53 et seq tal-Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Konsegwentement tiddikjara illi l-Awtorita' konvenuta ma tistax tiehu azzjoni fuq is-sit mertu tal-kawza stante li ma nharigx l-Avviz rikjest mil-ligi u llum hemm applikazzjoni sanatorja;

3. Konsegwentement tinibixxi lill-Awtorita' konvenuta milli b'xi mod tipprova tidhol u taghmel xogholijiet fl-art fil-pussess tal-atturi.

Permezz ta' risposta guramentata prezentata fis-17 ta' Ottubru 2997, l-Awtorita' konvenuta eccepiet:

1. Illi dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni biex tistharreg l-ghemil ta' l-Awtorita' esponenti stante li tali stharrig seta' u kellu jsir tramite rimedji ordinarji

disponibbli ghall-atturi, u dan a tenur tal-provvedimenti ta' l-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' harget l-avviz biex tieqaf u ta' twettieq mertu tal-vertenza odjerna skond il-Ligi u skond l-informazzjoni illi hija kellha a disposizzjoni taghha fiz-zmien illi nhareg tali avviz.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi m'ghandhom l-ebda titolu reali fuq l-art de quo, u ghaldaqstant wiehed ma jistax jippretendi illi jircievi xi notifika ta' dokument ufficjali jekk lanqas biss m'ghandux xi titolu rikonoxxut u pubbliku fuq l-istess art.

4. F'kull kaz, l-istess atturi kienu u huma ben konsapevoli ta' l-istess Avviz tant illi huma stess issottomettew application to sanction numru 2639/07.

Semghet ix-xhieda.
Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru: 30/2007 fl-ismijiet **Emanuel Said vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' April 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

1. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

(a) Fis-6 ta' Lulju 2005 l-Awtorita' konvenuta harget Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq kontra Peter Paul Said ta' May Flower, Triq l-Isqof M.F. Buttigieg, Nadur, Ghawdex (numru ECG 556/05) fejn iddikjarat li kien hemm ksur ta' kontroll ta' l-Ippjanar f'site Triq l-Arcipriet Saver Cassar, Nadur. L-izvilupp jikkonsisti fi **tfigh ta' materjal**. F'dan ir-rigward issir riferenza ghar-ritratt ezebit a fol. 38 fejn tidher l-art in kwistjoni u l-materjal li qeghda tilmenta minnu l-Awtorita' konvenuta. Fl-avviz hemm ordni fis-sens li: ***"tnehhi kull zvilupp li ghandek minghajr permess u***

***tregga is-sit lura ghal istat originali fi zmien 16 gurnata”*** (fol. 33).

(b) L-avviz twahhal fuq is-site (ara xhieda li nghatat minn Charles Debattista, senior enforcement officer impjegat mal-Awtorita’ konvenuta – seduta tas-7 ta’ Frar 2008 fol. 30-32).

(c) Sussegwentement l-Awtorita’ konvenuta ghaddiet ghal dak li jissejjah bhala *direct action*. Min-naha ta’ Charles Debattista kien jitkellem ma’ Peter Paul Said u *“….kont ninfurmah li jekk mhux ser jottemperaw ruhhom ma’ l-ordni li harget il-MEPA kien ser ikollna nghaddu ghall-stadju tad-direct action u li dan ix-xoghol kien ser isir a spejjez taghhom. Nikkonferma illi f’dawn id-diskussjonijiet li kien ikolli mal-familja Said qatt ma semmewli lill-atturi”* (fol. 31).

(d) Peter Paul Said mizzewweg lit-tifla ta’ l-attur.

(e) Permezz ta’ rikors prezentat fit-28 ta’ Frar 2007 Peter Paul Said talab li l-Awtorita’ konvenuta tigi mizmuma milli *“permezz ta’ haddiema tieghu jew kuntratturi mqabbda minnu hawn jissokta milli jesegwixxi t-tnehhija ta’ vetturi u materjal iehor f’sit mikri u fil-pussess tieghu, maghruf bhala Ta’ Kennuna, Triq ta’ Kenuna, Nadur, Ghawdex”* (Rikors numru: 14/2007).

(f) B’digriet moghti fil-15 ta’ Marzu 2007 il-Qorti cahdet it-talba.

(g) Fit-18 ta’ April 2007 saret applikazzjoni f’isem Emanuel Said ghall-hrug ta’ permess ta’ zvilupp *“to sanction deposit and levelling of material and soil, rebuilding of rubble walls & planting of olive trees”* (numru 2639/07). L-applikant ta avviz ta’ din l-applikazzjoni lis-sid tal-art (George Fenech) skond l-Artikolu 32(3) tal-Kap. 356.

(h) L-applikazzjoni kienet *dismissed* in kwantu kien baqa’ ghaddej ix-xoghol. Fil-fatt permezz ta’ avviz datat 18 ta’ April 2007 ntbaghat avviz lill-attur fejn gie nfurmat li

*"The Malta Environment and Planning Authority hereby dismisses your application in line with Article 52(7) of the Development Planning Act 1992 since it has been confirmed that there was a breach of enforcement notice ECG556/05)"* (fol. 41).

(i) Sussegwentement, fl-20 ta' April 2007 l-attur ipprezenta rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex l-Awtorita' konvenuta tinzamm milli *"inti jew permezz ta' haddiema tieghek jew ta' terzi tidhol fir-raba' tar-rikorrenti maghrufa bhala Ta' Kenuna fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex sabiex taghmel kwalunkwe xogholijiet jew tnehhi d-depozitu ta' materjal illi l-istess rikorrenti ghamel f'din ir-raba' sabiex izid it-torba u l-hamrija u jkun jista' jhawwilha bis-sigar taz-zebbug"* (Rikors numru 30/2007).

(j) B'digriet moghti fit-3 ta' Mejju 2007 il-Qorti laqghet it-talba tal-attur u ordnat il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-Awtorita' konvenuta.

(k) L-attur spjega li l-materjal li ntefa' fl-art kien blat artab (fol. 37) u li meta nqalghet il-kwistjoni mal-Awtorita' konvenuta halla f'idejn Peter Paul Said.

(l) Fl-art in kwistjoni kien qieghed jinzamm ukoll materjal relatat mal-industrija tal-bini u ngenji li jintuzaw fil-bini. Ara xhieda li nghatat mill-attur fis-seduta tat-30 ta' April 2008 u ritratti ezebiti fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 30/2007.

2. Permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jitlob li l-Qorti tiddikjara li fil-konfront tieghu l-Awtorita' konvenuta ma harget l-ebda Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq *"kif mitlub mill-Artikolu 53 et seq tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta"* (fol. 2) u ghalhekk m'ghandha l-ebda jedd li tiehu xi azzjoni fl-art in kwistjoni peress li naqset milli tipprocedi skond il-ligi u f'kull kaz illum saret applikazzjoni sabiex tirregolarizza dak li sar. Hu evidenti li l-attur qieghed jikkontesta l-azzjoni tal-Awtorita' konvenuta li twettaq l-avviz mahrug. Fil-fehma tal-Qorti din l-azzjoni saret fil-

parametri tal-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) in kwantu l-attur qieghed isostni li l-agir tal-Awtorita' konvenuta imur kontra l-ligi.

3. Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni jibda biex jinghad li l-Qorti ghandha l-awtorita' li tissindika l-agir tal-Awtorita' konvenuta sabiex jigi assigurat li l-eghmil amministrattiv ma jkunx *ultra vires* ghal xi raguni li jissemma fl-Artikolu 469A. M'hemmx dubju li l-Awtorita' konvenuta ghandha d-dmir li *"…. Tghasses fuq kull operazzjoni ta' zvilupp bix isir biss skond il-htigijiet ta' dan l-Att u b'osservanza tad-decizjonijiet mehuda legalment taht dan l-Att"* (Artikolu 51[1] tal-Kap. 356). Pero' bhal kull awtorita' ohra hi wkoll soggetta ghal ligi u ghandha dmir li fil-qadi tal-funzjonijet taghha timxi skond il-ligi. Il-Qorti ghandha kull setgha u awtorita' li tistharreg jekk l-eghmil tal-Awtorita' imurx kontra xi provvediment tal-ligi li jipprovdi dwar il-mod kif ghandha tipprocedi fil-qadi tad-dmirijiet taghha.

Minn qari tar-rikors guramentat wiehed jista' inizjalment isib ruhu f'diffikulta' sabiex jidentifika n-natura ta' l-azzjoni attrici. Pero' l-Qorti qeghda tifhem li hi azzjoni li qeghda tistieden ghal stharrig ta' azzjoni amministrattiva. L-ilment tal-atturi hu li l-Awtorita' konvenuta naqset milli tohrog fil-konfront taghhom (bhala pussessuri tal-art) avviz ta' twettiq skond kif mehtieg bl-Att ta' l-Ippjanar dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp u ghalhekk isostnu li ma kellha ebda jedd li tordna li tittiehed xi azzjoni fl-art in kwistjoni. Skond l-Artikolu 55A tal-Kap. 356: *"(1) Jekk xi passi jew azzjoni ohra, komprizi s-sospensjoni, twaqqif jew htiega ohra bhal dik, mehtiega li jittiehdu b'avviz ta' twettieq ma jkunux ittiehdu fiz-zmien specifikat fl-avviz, l-Awtorita' tista tidhol fl-art jew f'area tal-bahar u tiehu dawk il-passi jew azzjoni ohra kif fuq imsemmijin….."*. Il-Qorti hi tal-fehma li ghalkemm ir-rikors guramentat seta' nkiteb ahjar, l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 jattalja ruhu ghat-talba tal-atturi. Il-fatt li fir-rikors guramentat ma saritx riferenza espressa ghal dan il-provvediment m'ghandux jippregudika l-kawza tal-atturi. Minn qari tal-att gudizzjarju l-Qorti qeghda tifhem li l-ezercizzju li l-atturi jridu li jsir hu proprju l-istharrig ta' l-eghmil tal-Awtorita' mehud in konsiderazzjoni tal-provvedimenti tal-Att dwar l-Ippjanar u l-Izvilupp (Artikolu 356). Stharrig li jista' jsir fit-termini u l-parametri tal-

Artikolu 469A tal-Kap. 12 u f'kull kaz *"…dawn il-Qrati minn dejjem irritenew li kellhom l-gurisdizzjoni li jissindikaw l-azzjoni amministrattiva u jiddikjarawha nulla u bla effett fil-ligi f'certi determinati cirkostanzi bhal meta tkun ittiehdet in vjolazzjoni tal-principju tal-gustizzja naturali jew kontra d-disposizzjonijiet espressi tal-ligi"* (**Joseph Galea vs Kmandant tat-Task Force** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998).

4. Fil-mertu, jibda biex jinghad li l-avviz mahrug mill-Awtorita' sar ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-Kap. 356 u mhux l-Artikolu 53 kif dikjarat mill-atturi fir-rikors guramentat. Bis-sahha tal-Artikolu 52 fejn l-Awtorita' jidhrilha li qieghed isir xi zvilupp ta' art minghajr permess ta' zvilupp, ghandha l-Awtorita' li tohrog **Avviz ta' Waqfien u ta' Twettieq**. Avviz li ghandu jigi notifikat *"….fuq* ***is-sid ta' l-art jew fuq l-okkupant ta' l-art*** *jew fuq it-tnejn kif l-Awtorita' jidhrilha l-aktar xieraq"* (Artikolu 52[1]). Fl-avviz ta' twettieq l-Awtorita' tiddikjara x'passi jehtieg li jittiehdu fiz-zmien ukoll specifikat. Fil-kaz taghna l-avviz ighid li s-sit ghandu jitregga ghall-istat originali tieghu fi zmien sittax-il gurnata. B'ligi wkoll l-avviz ta' twettieq **jiehu effett** mal-eghluq taz-zmien specifikat fl-avviz (m'ghandux ikun inqas minn 15 il-jum u mhux iktar minn 30 jum **<u>min-notifika</u>**). M'hemmx dubju li sabiex l-Awtorita' tkun tista' tidhol fl-art u twettaq hi dak li suppost sar skond l-Avviz ta' Twettieq, irid ikun ghadda z-zmien moghti mill-Awtorita' fl-istess avviz u liema avviz jiehu effett mal-eghluq taz-zmien specifikat li jiddekorri min-notifika.

L-atturi qeghdin jippretendu li gialadarba l-Awtorita' ma hargitx avviz ta' twettieq f'isem l-atturi, m'ghandha l-ebda jedd li tidhol fl-art u tiehu l-passi li tqies li huma opportuni sabiex iggib l-art fl-istat originali taghha. Tant dan hu minnu li t-tieni (2) u t-tielet (3) talba huma konsegwenzjali ghall-ewwel (1) talba[1] u sahansitra fil-bidu ta' kull talba tintuza l-kelma **"konsegwentement"**.

M'huwiex kontestat li:-

[1] *"1. Tiddikjara illi l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ma harget l-ebda Avviz ta' Infurzar u Twettieq kontra r-rikorrenti konjugi Said kif mitlub mill-Artikoli 53 et seq. tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta"* (fol. 2).

(a) Fl-avviz hemm biss l-isem ta' Peter Paul Said.

(b) L-atturi ma gewx notifikati b'kopja tal-avviz ta' waqfien u ta' twettieq.

(c) L-atturi m'humiex is-sidien tal-art.

Minn qari tal-provvediment tal-ligi hu evidenti li dak li tezigi l-ligi mhuwiex f'isem min jinhareg l-avviz imma lil min ghandha ssir in-notifika ta' l-avviz (Artikolu 52). Il-fatt li ma nharigx avviz ta' twettieq f'isem l-atturi ma jistax u m'ghandux iwassal ghan-nullita' ta' dak l-avviz. Il-ligi stess tipprovdi li l-avviz jiehu effett mal-eghluq taz-zmien indikat fl-avviz u li m'ghandux ikun ***"…anqas minn hmistax-il gurnata u mhux aktar minn tletin gurnata min-nofitika tieghu"*** [Art. 52(6)(b)] u inoltre l-htiega li timponi l-ligi hi li l-avviz jigi notifikat.

Inoltre l-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' lill-attur jaghti x-xhieda tieghu fis-seduti tal-4 ta' April 2008 u tat-30 ta' April 2008 u hi moralment konvinta li fir-realta' Peter Paul Said kien u ghadu qieghed jokkupa l-art in kwistjoni u l-kontroll tal-art qieghed f'idejh. Kien hu stess li pogga u xerred il-materjal biex gab l-art kif tidher fir-ritratti a fol. 21 u 22 tal-process[2]. Sahansitra kien qieghed ukoll jaghmel uzu mill-art in kwistjoni sabiex fiha jqieghed l-ingenji u materjal (bhal planki) li juza fl-industrija tal-bini. Dan apparti l-fatt li Peter Paul Said stess iddikjara **bil-gurament** fir-rikors li ghamel ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 14/2007) li l-art hi mikrija ghandu u li qeghda fil-pussess tieghu. Ghalkemm l-atturi ma kienux parti f'dawk il-proceduri, kienu jafu bihom u fl-ebda hin ma kkontestaw dak li nghad bil-gurament minn Peter Paul Said. Wara li l-Qorti semghet lil Emanuel Said jixhed hi konvinta li din il-kawza saret f'isem l-atturi biss ghal konvenjenza bl-iskop li min verament ghandu nteress (Peter Paul Said) jipprova jiggranfa ma' xi teknikalita' biex itawwal u johloq iktar konfuzjoni bla bzonn. Dan meta mill-

[2] Fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2008 gie verbalizzat: *"L-attur spjega li fir-rigward tar-ritratti Dok. B u C il-materjal gie mwitti fuq l-art in kwistjoni minn Peter Paul Said"* (fol. 24).

fatt stess li l-attur ghamel applikazzjoni mal-Awtorita' konvenuta sabiex jirregolarizza l-izvilupp (it-tfiegh ta' materjal fl-art minn Peter Paul Said), hi fiha nnifisha ammissjoni mill-attur stess li ma setax jintefa' materjal simili minkejja li fix-xhieda baqa' jsostni li l-materjal li ntefa' kien tajjeb biex jithallat mal-hamrija. Il-kelma *"sanction"* uzata fl-applikazzjoni ma tista' tfisser xejn iktar ghajr li l-applikazzjoni saret biex **tirregolarizza** l-izvilupp[3] li jkun sar u m'hemmx dubju li taghmel hekk ghaliex dak li jkun sar ma jkunx konformi mal-ligi. Inoltre, il-Qorti ma temminx lill-attur meta qal li *"….Peter Paul Said sa issa llum ma ghandux x'jaqsam ma' l-art fis-sens illi ma jahdimhiex…."* (seduta tal-4 ta' April 2008 - fol. 37). Il-provi juru mod iehor. Il-Qorti tkompli tikkonferma dan mill-fatt li:-

(a) Qabel il-proceduri li saru f'isem il-konjugi Said (l-ewwel rikors sar fl-20 ta' April 2007), Peter Paul Said kien pprezenta rikors (28 ta' Frar 2008) sabiex izomm lill-Awtorita' konvenuta milli tidhol fl-art in kwistjoni u twettaq hi stess dak li kien jinghad fl-avviz numru 556/05. Kien biss wara li l-Qorti cahdet it-talba (b'digriet moghti fil-15 ta' Marzu 2008) li l-atturi fl-20 ta' April 2007 ipprezentaw rikors sabiex l-Awtorita' tigi mizmuma milli tidhol fl-art u tnehhi l-materjal (li l-attur iddeskrivieh bhala trab tal-blat). Kieku Peter Paul Said ma kellux interess dirett fl-art ma kien ikun hemm l-ebda skop li jibda proceduri gudizzjarji kontra l-Awtorita' konvenuta.

(b) Charles Debattista (Senior Enforcement Officer) xehed li kellu diskussjonijiet mal-membri tal-familja Said (inkluz ma' Peter Paul Said) u li qatt ma semmewlu lill-atturi. Fatt li qatt ma gie kontestat mill-atturi. Qal ukoll li *"jiena tkellimt ma' Peter Paul Said permezz tat-telefon, kont ninfurmah illi qieghed on site u hu kien jigi jiltaqa' mieghi hemmhekk. Jiena lil Peter Paul kont ninfurmah li jekk mhux ser jottemporaw ruhhom ma' l-ordni li harget il-MEPA kien ser ikollna nghaddu ghall-stadju tad-direct action u li dan ix-xoghol kien ser isir a spejjez taghhom"* (fol. 31).

[3] Kif imfissra fl-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp (Kap. 356).

(c) Fit-18 ta' April 2007 Emanuel Said ipprezenta applikazzjoni sabiex jirregolarizza l-posizzjoni. Mix-xhieda ta' Emanuel Said rrizulta kif ha hsieb kollox Peter Paul Said u meta sarulu domandi in kontroezami ma kienx kapaci jaghti taghrif dwar din l-applikazzjoni. Dan hu fattur iehor li jkompli jsahhah il-fehma tal-Qorti li isem l-attur intuza biss ghal skopijiet ta' konvenjenza u xejn iktar. Dan minkejja l-fatt li Emanuel Said xehed li Peter Paul Said qatt ma *"….kien is-sid jew kellu xi titolu fuq din ir-raba"* (affidavit - fol. 19). Pero' fl-istess dikjarazzjoni guramentata ma qalx li Peter Paul Said m'huwiex okkupant tal-art. Anke kieku bil-kliem li qal ried ifisser li Peter Paul Said m'huwiex okkupant, il-provi juru mod iehor. Dan apparti l-fatt li ghalkemm persuna jista' ma jkollix titolu xorta tkun qeghda tokkupa art. Il-kelma "okkupant" li tintuza fil-Kap. 356 ghandha sinifikat iktar wiesgha minn "titolu".

(d) Ix-xhieda li nghatat mill-attur waqt is-seduta tat-30 ta' April 2008 meta kkonferma li *"nikkonferma illi l-materjal kien twitta biex parti mill-art tintuza biex jitqieghed l-ingenji…..L-ingenji huma dawk li jintuzaw fix-xoghol tal-bini."*. Zied ighid li Peter Paul Said kien qieghed jipparkja l-ingenji fuq l-art, u dan bil-kunsens tieghu. Kompla jghid li s-sigar taz-zebbug li hemm fl-art kienu thawwlu minnu u Peter Paul Said u li *"….Peter Paul illi kien qed jiehu hsieb l-affarijiet ma' l-Awtorita. Jiena kont naf b'ta l-Awtorita' ghax rajthom fuq il-post. Jiena nikkonferma li Peter Paul dahal fl-ghalqa bl-accettazzjoni tieghi u kif kont diga' ghidt fis-seduta ta' qabel ta' llum jiena dejjem kelli hsieb illi l-ghalqa jehodha f'idejh Peter Paul ghaliex jiena ghajjejt"*.

Il-Qorti tikkonkludi li l-Awtorita' kellha kull jedd li tinnotifika l-avviz ta' waqfien u ta' twettieq lil Peter Paul Said li hu stess iddikjara, bil-gurament, li jinsab fil-pussess tal-art u sahansitra li hi mikrija lilu. M'hemmx dubju li Peter Paul Said jikkwalifika bhala okkupant ghal finijiet u effetti kollha tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta. Min-naha l-ohra m'huwiex il-mertu ta' din il-kawza jekk hemmx xi nuqqas dwar in-notifika tal-avviz lil Peter Paul Said bhala okkupant u jekk hemmx cirkostanzi li setghu jwasslu

sabiex tirrendi nvalidu l-avviz ta' twettieq. Madankollu l-Qorti ma tistax tonqos milli tikkumenta li l-ufficjali tal-Awtorita' ghandhom f'kull waqt jizguraw li josservaw il-procedura stabbilita mil-ligi bl-ikbar attenzjoni u m'ghandhom l-ebda jedd li jaddottaw xi procedura differenti minn dik kontemplata mil-ligi. Ghalkemm il-Qorti tapprezza li fil-maggoranza tal-kazijiet l-awtorita' tiddependi mill-informazzjoni li tinghata, min-naha l-ohra l-Artikolu 52 li jittratta l-procedura ta' twettieq jipprovdi b'mod car dak li ghandu jsir qabel l-Awtorita' tkun tista' tidhol f'art u tregga' kollox lura ghall-istat originali. B'hekk biss jistghu jigu evitati kwistjonijiet bla bzonn u l-Awtorita' tkun qeghda twettaq id-dmirijiet taghha skond il-ligi.

5. Fir-rigward tal-argument tal-atturi li ma tistax tittiehed azzjoni ghaliex hemm applikazzjoni biex tirregolarizza s-sitwazzjoni, dan m'huwiex minnu ghaliex mill-atti jirrizulta li l-applikazzjoni giet rifjutata. Hu biss fejn hemm applikazzjoni pendenti li avviz ta' twettieq jieqaf milli jkun operattiv (Artikolu 52[7] tal-Kap. 356). F'dan il-kaz m'ghandna xejn minn dan.

6. Fl-ahharnett bhala kumment finali jigi rilevat ukoll li fir-rikors guramentat wara li l-atturi ppremettew x'kien l-ilment taghhom iddikjaraw li: *"l-esponenti ma kellhomx triq ohra sabiex jwaqqfu l-agir illegali tal-Awtorita' intimat ghajr illi jipprocedu kontra taghha permezz ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 30/2007….".* Tajjeb li jigi rilevat li fir-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ma saret l-ebda riferenza ghall-ilment mertu ta' din il-kawza, cjoe' li l-Awtorita' konvenuta naqset milli tohrog Avviz ta' Waqfien u ta' Twettieq f'isem l-atturi. Kull ma jinghad fir-rikors prezentat fl-20 ta' April 2007 hu li *"ir-rikorrneti jsostni li huwa kellu u ghandu kull dritt li jzid materjal u hamrija sabiex r-raba' tieghu tkun tista' tigi mhawla bis-sigar taz-zebbug. Infatti dwar dan huwa wkoll ssottometta applikazzjoni mal-istess Awtorita' kopja ta' liema applikazzjoni qed tigi annessa bhala Dok. B"*. M'hemm l-ebda dubju li l-kawza tal-lum m'hijiex il-jedd li ppretendew

li ghandhom l-atturi meta ntavolaw ir-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita' konvenuta bl-ispejjez kontra taghha.

2. Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-Awtorita' konvenuta u tichad it-talbiet kollha tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom (bl-eccezzjoni tal-ispejjez relatati mal-ewwel eccezzjoni).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------